# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 580/01mm**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Anthony Grech u l-istess Anthony Grech**

**vs**

**Charles Sammut**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' mitejn u sitta u sittin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm266.55) [Lm116.55c lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm150 lill-attur Anthony Grech] in linea ta' danni kkagunati mill-konvenut u sborsati mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Santa Lucia fis-16 ta' Dicembru, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura Nru. CCD 101 habat mal-vettura Nru GAO 762 propjeta' ta' l-attur Anthony Grech u misjuqa minn Matthew Grech – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi  dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' April, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-17 ta' April, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Dicembru, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat Registratur